2) Mundipharma AG hija kkundannata għall-ispejjeż, esklużi dawk sostnuti minn ALK-Abelló A/S.

3) ALK-Abelló A/S għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġenerali (Il-Ħames Awla) tal-4 ta' Marzu 2010 — Monoscoop vs UASI (SUDOKU SAMURAI BINGO)

(Kawża T-564/08)

"Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali SUDOKU SAMURAI BINGO — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]"

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew f'indikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta' prodott (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(ċ)) (ara l-punti 18, 28, 35)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-30 ta' Settembru 2008 (Każ R 816/2008-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali SUDOKU SAMURAI BINGO bħala trade mark Komunitarja.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Monoscoop BV
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark verbali SUDOKU SAMURAI BINGO għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 28 u 41 — Applikazzjoni Nru 5769013
Deċiżjoni tal-eżaminatur:	Applikazzjoni miċħuda
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Monoscoop BV hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tad-9 ta' Marzu 2010 — Euro-Information vs UASI (EURO AUTOMATIC CASH)

(Kawża T-15/09)

"Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali EURO AUTOMATIC CASH — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009] — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009]"